**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 351/2017 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Scandi Bites Limited**
**(C 63521)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 t'Awwissu, 2017 illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' sitt mija u tlieta u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmi (€643.94) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lis-socjeta` konvenuta fuq iz-zewg akkonti li jgibu n-numri AC40481239 u AC40449897 rispettivament liema somma is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2018 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi, in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lis-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' sitt mija u tlieta u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmi (€643.94) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lis-socjeta` konvenuta fuq iz-zewg akkonti li jgibu n-numri AC40481239 u AC40449897, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika lis-socjeta` konvenuta kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**